MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2007

Rikors Numru. 57/2005

Hani Ahmed Shhawi
vs
L-Onor. Prim Ministru, L-Onor Ministru tal-Gustizzja u Intern, L-Avukat Generali u l-Kummissarju ghar-Refugjati u s-Segretarju tal-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Refugjati li gew kjamati fir-rikors b'digriet tal-20 ta' Jannar 2006

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tal-attur li bih ppremetta:

1. Illi nhar l-20 ta' Gunju 2005, ir-rikorrent talab li jigi rikkonoxxut lilu da parti ta' l-istess awtoritajiet Maltin, l-istatus ta' refugjat jew alternattivament dik ta' persuna li kien jisthoqqilha tinghata protezzjoni umanitarja.

2. Illi kien biss wara l-insistenza tal-konsulent legali tar-rikorrent li l-Kummissarju ghar-Refugjati baghat ghar-rikorrent sabiex dan ikun jista’ formalment jimla applikazzjoni ghall-istatus ta’ refugjat.

3. Illi nhar il-11 ta’ Awissu 2005, ir-rikorrent akkumpanjat mill-konsulent legali tieghu mar gewwa l-Ufficju tal-Kummissarju tar-Refugjati sabiex jkun jista’ jimla d-debita applikazzjoni.

4. Illi waqt li r-rikorrent kien qieghed jispjega b’mod dettaljat il-kaz tieghu lill-impjegata tal-istess ufficju, intervjena personalment il-Kummissarju ghar-Refugjati, is-Sur Charles Buttigieg, li gibed l-attenzjoni tar-rikorrent li f’dak l-istadju huma ma kienux jidhlu f’daqstant dettal u li kien ikollu l-opportunita` li jispjega l-kaz tieghu jekk u meta jigi koncess lilu “interview” mill-istess Charles Buttigieg. Infatti gie nnotat lilu wkoll li l-formola tal-applikazzjoni kellha spazji limitati li kienet tindika li f’dak l-istadju ma kienx mistenni li jinghataw id-dettalji kollha ta’ kaz. Di piu` gie rilevat li minkejja li l-applikant ikun qed jispjega ruhu bil-Malti dak kollu li jghid jigi riprodott fil-lingwa Ingliza da parti tar-“reporting officer”.

5. Illi ftit wara, ir-rikorrent ircieva “elegibilty memo” da parti tal-Kummissarju ghar-Refugjati, li permezz taghha l-istess Kummisarju nfurmah li t-talba tieghu ghall-istatus ta’ refugjat kienet giet michuda.

6. Illi r-rikorrent intavola rikors ta’ appell fil-Bord ta’ l-Appell dwar ir-Refugjati nhar it-13 ta’ Settembru 2005 fejn talab li dan il-Bord tal-Appell ihassar, jirrevoka u jannulla r-rakomandazzjoni tal-Kummissarju ghar-Refugjati, stante li tali rakkomandazzjoni kienet ibbazata fuq fatti manifestament zbaljati, fuq applikazzjoni hazina tal-ligi u li r-rikorrent ma thalliex iressaq il-kaz tieghu b’mod adekwat u xieraq.

7. Illi nhar l-14 ta’ Novembru 2005, ir-rikorrent ircieva ittra minghand il-Bord tal-Appelli dwar ir-Refugjati li permezz taghha gie nfurmat li l-appell tieghu kien gie michud.

8. Illi jigi rilevat li l-Bord tal-Appelli dwar ir-Refugjati wasal ghad-decizjoni tieghu minghajr lanqas biss ma zamm seduta wahda li fiha jkun prezenti r-rikorrent u l-konsulent legali tieghu sabiex iressqu l-kaz tar-rikorrent.

9. Illi dan jikkonsistwixxi ksur manifest u lampanti tad-dritt tas-smiegh xieraq tar-rikorrent kif sancit fl-Art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem.

10. Illi in sostenn ta' dan inghad, li r-rikorrent mhux talli ma nghatax dritt ta' udjenza, kif del resto jispetta lilu, izda l-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Refugjati fid-decizjoni tieghu jirreferi ghal fatti li gew migjuba a konjizzjoni tieghu da parti ta' terzi injoti minghajr ma l-istess Bord ikkonfronta lir-rikorrent bl-istess fatti sabiex dan ikun jista' jiddefendi ruhu minn allegazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu. Dan imur kontra l-principju tad-***doppio esame*** u l-ispirtu ta' ***dibattimento*** prevalenti fil-procedura guridika ta' pajjizna ghal diversi sekli.

11. Illi jigi rrilevat li fl-ittra li permezz taghha l-imsemmi Bord informa lir-rikorrent bid-decizjoni tieghu, ma hemm l-ebda indikazzjoni tal-persuni li kkunsidraw il-kaz tar-rikorrent u ghalhekk ir-rikorrent fl-ebda stadju ma seta' jkun jaf minn min kien qieghed jigi gudikat, bi pregudizzju serju ghad-drittijiet procedurali tieghu, fosthom li jirrikuza membri formanti parti mill-istess Bord ghar-raguni valida fil-ligi. Dan jirrifletti struttura gudizzjarja ta' natura inkwizitorja li tmur ghal kollox kontra l-valuri u l-principji tal-gustizzja nostrana.

12. Illi r-rikorrent hass li kien ferm ingust li xi awtorita` tiddisponi mill-kaz tieghu billi tghid li ma tax xi spjegazzjoni, meta l-istess awtorita` ma tatux l-opportunita` li jispjega ruhu u jressaq il-kaz tieghu b'mod adegwat u xieraq.

13. Illi r-rikorrent kien imcahhad mid-dritt ghall-assistenza legali effettiva kif sancita fl-Art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali u kif ben interpretata u applikata fis-sentenzi sija tal-Qrati Maltin kif ukoll tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem.

14. Illi di piu` gie rilevat li d-decizjoni u di piu` l-mod kif waslu ghad-decizjoni taghhom l-Kummissarju ghar-Refugjati u l-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Refugjati jista' jwassal li r-rikorrent jigi soggett ghall-trattament inuman u/jew degradanti u dan bi vjolazzjoni ta' l-Art. 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Art. 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem.

Ir-rikorrent talab lill-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-agir suespost tal-Kummissarju ghar-Refugjati u l-Bord tal-Appelli dwar ir-Refugjati jivvjola d-dritt ta' smiegh xieraq sancit fl-Art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-Art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem, kif sancita taht il-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta u taht l-obbligi ta' l-Istat ta' Malta.

2. Tiddikjara u tiddeciedi li l-agir suespost tal-Kummissarju ghar-Refugjati u l-Bord tal-Appelli dwar ir-Refugjati jivvjola d-dritt ghall-protezzjoni minn trattament inuman jew degradanti sancit fl-Art. 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-Art. 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem, kif sancita taht il-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta u taht l-obbligi internazzjonali ta' l-Istat ta' Malta.

3. Taghti kull rimedju jew direttivi opportuni li jidrulha xierqa.

B'riserva ta' kull dritt u azzjoni.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta tal-intimati li biha ecceppew:

1. Illi preliminarjament, il-Prim Ministru u l-Avukat Generali **mhumiex legittimi kuntraditturi** f'dawn il-proceduri u ma jistghux iwiegbu ghall-ghemil tal-Kummissarju dwar ir-Refugjati u tal-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Refugjati, stante li hemm awtoritajiet ohra governattivi li huma responsabbli minn dawn b'mod dirett. Fir-rigward tal-Avukat Generali dan qed jinghad b'mod partikolari b'referenza ghall-artiklu 181B(2) tal-Kap 12.

2. Illi fil-mertu m'hemm l-ebda ksur tal-artiklu 6 tal-Konvenzjoni jew tal-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni fir-rigward tar-rikorrent, u dan ghar-ragunijiet segwenti:

a. in kwantu r-rikorrent jinvoka d-dritt tieghu ghal smiegh xieraq fi proceduri quddiem il-Kummissarju u quddiem il-Bord tal-Appelli dwar ir-Refugjati, l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni u l-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni m'humiex applikabbli ghall-kaz stante li m'hemm l-ebda forma ta' **'kontestazzjoni'** f'dawn il-proceduri. Ir-rikorrent applika mal-awtorita` kompetenti f'Malta biex jakkwista l-istatus ta' refugjat, izda dan gie michud lilu. Imbaghad appella quddiem l-Bord tal-Appelli li huwa Bord indipendenti mill-Kummissarju. F'dawn ic-cirkostanzi ma jissussistix ir-rekwizit ta' 'kontestazzjoni' kif mitlub minn dawn iz-zewg artikli.

b. In kwantu r-rikorrent jinvoka d-dritt tieghu ghall-smiegh xieraq fi proceduri quddiem il-Kummissarju u quddiem il-Bord tal-Appelli dwar ir-Refugjati, dawn iz-zewg artikli m'humiex applikabbli ghall-kaz stante li dawn il-proceduri m'humiex **'determinattivi'** ta' xi dritt jew obbligu civili.

c. In kwantu r-rikorrent jinvoka d-dritt tieghu ghall-smiegh xieraq fi proceduri quddiem il-Kummissarju u quddiem il-Bord tal-Appelli dwar ir-Refugjati, dawn iz-zewg artikli m'humiex applikabbli ghall-kaz in kwistjoni stante li dawn il-proceduri ma jittrattawx dwar drittijiet jew obbligi ta' natura civili.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suepost, in kwantu r-rikorrent jilmenta dwar nuqqas ta' smiegh xieraq

quddiem il-Kummissarju l-intimati jissottomettu li l-artikolu 8 tal-Kap 420 jipprovdi dwar kif ghandha ssir il-procedura quddiem il-Kummissarju u ghalhekk l-intimati jissottomettu li f'kull hin il-Kummissarju mexa skond il-Ligi.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suepost, in kwantu r-rikorrent jilmenta dwar nuqqas ta' smiegh xieraq minhabba nuqqas ta' smiegh orali fil-proceduri quddiem il-Bord, l-intimati jissottomettu li l-Bord tal-Appelli mexa korrettement u **skond il-ligi** meta ghadda ghad-decizjoni tieghu minghajr ma ordna li jsir is-smiegh orali. L-A.L. 252 tal-2001 jaghti fakulta` lill-Bord li jekk ihoss li hu mehtieg, jordna smiegh orali, pero` dan mhux mandatorju. Lanqas ma kien hemm xi htiega ta' provi godda f'dan il-kaz. Ir-rikorrent mhux qed jilmenta dwar ksur tad-drittijiet tal-bniedem fil-ligi nnifisha izda dwar il-kaz partikolari tieghu. L-inkartament kollu tal-kaz ghadda ghal quddiem il-Bord u hekk, il-Bord kellu quddiemu bizzejjed sottomissjonijiet biex jasal ghad-decizjoni tieghu.

5. Illi minghajr pregudizzju ghal dak li gja inghad, l-intimati ssottomettew ukoll li fi kwalunkwe kaz, il-fatt li r-rikorrent m'ghamilx sottomissjonijiet orali quddiem il-Bord ma jfissirx fih innifsu li r-rikorrent ma nghatax smiegh adegwat u li jixraq lill-kaz tieghu. Dwar dan il-punt jinghad:

a. Ir-rikorrent mela formola bid-dettalji tieghu kollha mehtieg biex il-Kummissarju seta' jiddetermina r-rikorrent setax jaghmel applikazzjoni ghal refugjat. Fil-fatt l-ezitu ta' din il-parti tal-process kien negattiv ghar-rikorrent.

b. Ir-rikorrent kien mgharraf mill-ewwel u bil-miktub dwar id-decizjoni tal-Kummissarju u r-ragunijiet ghaliha, u nghata kopja taghha.

c. L-appell tar-rikorrent kien intavolat mill-avukat tar-rikorrent stess permezz ta' sottomissjonijiet bil-miktub. Ghalhekk mhux minnu dak li jinghad mir-rikorrent li ma thalliex ikollu assistenza legali xierqa.

d. Ir-rikorrent kien mgharraf ukoll u bil-miktub bid-decizjoni tal-Bord u r-ragunijiet ghaliha u nghata kopja tal-istess decizjoni. Mid-dettalji li fiha din id-decizjoni, jidher car li kemm il-Kummissarju kif ukoll il-Bord kellhom quddiem il-fatti kollha necessarji biex jaslu ghal decizjoni skond il-Ligi.

6. Illi rigward l-allegazzjoni ta' trattament inuman u degradanti, l-intimati ssottomettew li l-mod kif ir-rikorrent qed jinterpreta dan id-dritt fundamentali huwa farsesk u abuziv, peress li dan id-dritt jirreferi ghal cirkostanzi ferm iktar serji minn dawk imsemmija mir-rikorrent. Fi kwalunkwe kaz, l-intimati ssottomettew li ma kien hemm l-ebda ksur ta' dan id-dritt fil-konfront tar-rikorrent.

7. Illi rigward il-fatt ta' dan il-kaz, inghad li:

a. ir-rikorrent, anke ex admissis fir-rikors promutur, applika ghal status ta' refugjat f' Gunju 2005, meta huwa kien ilu Malta madwar hames snin. Minhabba dan il-fatt, u a bazi tal-artiklu 8(2A) tal-Kap 420, l-applikazzjoni tieghu ma kenitx valida. Kien ghalhekk li l-Kummissarju ma baghatx ghalih biex jisimghu.

b. Ir-rikorrenti beda l-procedura biex japplika ghal status ta' refugjat fl-20 ta' Gunju 2005, kif ighid hu stess fir-rikors promotur. Fil-15 ta' Gunju 2005, u cioe` hamest ijiem qabel, hu kien intercettat mill-pulizija li gharrfuh li kien se jitkecca minn Malta.

Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.

Ghaldaqstant l-intimati ssottomettew li f'kull hin il-Kummissarju u l-Bord imxew skond il-Ligi. Issottomettew wkoll li ma jirrizulta li kien hemm l-ebda ksur tad-drittijiet tal-bniedem, fil-konfront tar-rikorrent, la taht il-Konvenzjoni u lanqas taht il-Kostituzzjoni, u ghalhekk ir-rikors kellu jkun michud bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

Rat ir-risposta tal-intimati li biha eccepew:

1. Illi hadd mill-intimati ma huwa l-legittimu kontradittur ghall-azzjoni tar-rikorrent illi mill-korp tar-rikors tidher illi hija diretta specifikament kontra l-allegat agir tal-Kummissarju dwar ir-Refugjati.

2. Subordinament u minghajr pregudizzju ghall-permess illi din l-azzjoni, in kwantu hija intiza biex isservi ta' appell mill-Bord ta' l-Appelli Dwar ir-Refugjati dwar il-kwistjoni jekk fil-mertu t-talba tar-rikorrent biex jinghata status ta' refugjat jew protezzjoni fuq bazi umanitarja kenitx korretta jew le, hija karenti minn fondament guridiku.

3. Subordinament u minghajr pregudizzju ghall-permess, illi l-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ma japplikawx ghall-process ta' determinazzjoni dwar jekk persuna ghandhiex tinghata status ta' refugjat jew protezzjoni fuq bazi umanitarja. Dwar dan l-intimati jaghmlu referenza ghal u jirrilevaw is-segwenti:

3.1 Application No. 16217/90 "C.T. against Switzerland", European Commission of Human Rights 16 March 1990,

"The applicant further complains, apparently under Article 6 para 1. (Art. 6-1) of the Convention, of unfairness of the asylum proceedings, in particular before the Federal Department of Justice and Police. However, the Commission recalls its case-law according to which a decision as to wether an alien should be allowed to stay in a country or be expelled does not involve either the determination of the alien's rights or obligations or of a criminal charge within the meeting of Article 6. para (Art 6-1) 1 of the Convention ( see No. 8118/77, Dec. 19.3.81, D.R. 25p. 105). It follows that this part of the application is incompatible ratione materiae with the provision of the Convention within the meaning of Article 27 para. 2 (Art. 27-2) of the Convention."

3.2 Application No. 19088/91 "B.S. against Switzerland", European Commission of Human Rights 13 December 1991,

"The application further complains under Article 6 para. 1 (Art. 6-1) 1 of the Convention that he did not have access to a tribunal within the meaning of this provision to decide on his case. However, the Commission recalls its case-law according to which a decision as to wether an alien should be allowed to stay in a country or be expelled does not involve either the determination of the alien's civil rights or obligations or of a criminal charge within the meaning of Article 6 para. 1 (Art. 6-1) of the Convention ( see No. 8118/77, Dec. 19.3.81, D.R. 25 p. 105). It follows that thus part of the application is incompatible ratione materiae with the provision of the Convention within the meaning of Article 27 para. 2 (Art. 27-2) of the Convention.

3.3 Application No. 18275/91 "F.B.M. against Sweden", European Commission of Human Rights, 7 December 1992:

"The applicant also complains about the absence of any court review of the expulsion decision and alleges a violation of Article 6 (Art. 6) of the Convention. The Commission recalls, however, that according to established case-law, Article 6 (Art. 6) does not apply to the procedure for expulsion of an alien (see, inter alia, No. 8118/77, Dec. 19.3.81, D.R. 25 p. 105). This complaint is therefore incompatible, ratione materiae, with the provisions of the Convention and must be rejected according to Article 27 para. 2 (Art. 27-2) of the Convention."

3.4 Application Nos. 23895/94, 23987/94 and 23988/94 "M.F.K., S. EL ZEINA and A. SALEH against the Netherlands", European Commission of Human Rights 28 November 1994:

"As regards Article 6 (Art. 6) of the Convention the Commission recalls that, according to its constant case-

law, proceedings concerning political asylum, a request for a residence permit or expulsion of an alien do not involve a determination of civil rights and obilgations or of a criminal charge (cf. No. 13162/87, Dec. 9.11.87, D.R. 54 p. 211; No. 9285/81, Dec. 6.7.82, D.R. 29 p.205; No 9990/82, Dec. 15.5.84, D.R. 39 p. 119). The Commission finds, therefore, that this complaint must be rejected as being incompatible ratione materiae with the Convention within the meaning of Article 27 para. 2 (Art. 27-2) of the Convention."

3.5 Application No. 27683/95 "M.H., M., M., S. and I. K. against Switzerland", European Commission of Human Rights, 6 September 1995:

"Insofar as the applicants complain under Article 6 (Art. 6) of the Convention about the asylum proceedings, in particular of their duration and that they were not granted legal aid, the Commission recalls that the decision wether an alien should be allowed to stay in a country or be expelled does not involve the determination either of the alien's civil rights or obligations, or of a criminal charge, within the meaning of Article 6 para. 1 (Art. 6-1) of the Convention ( see No. 8118/77, Dec. 19.3.81, D.R. 25 p. 105). The remainder of the application is therefore incompatible ratione materiae with the provision of the Convention, pursuant of Article 27 para. 2 (Art. 27-2) of the Convention."

3.6 Dwar l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni

Dan l-Artikolu fis-subinciz (1) u (2) tieghu huwa sostanzjalment identiku ghall-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Dritijiet tal-Bniedem.

Il-Qrati taghna kemm-il darba rrimarkaw dwar dan ix-xebh u fis-sentenza taghha tat-22 ta' Ottubru 1984 dl-ismijiet "L-E.T. Reverendissima Monsinjur Arcisqof Giuseppe Mercieca noe et vs L-Onorevoli Prim Ministru et" il-Qorti Kostituzzjonali kienet ukoll irrimarkat illi certu kliem f'dan l-artikolu "kien mehud kelma b'kelma mill-ewwel inciz ta' l-

Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Dritijiet tal-Bniedem"

L-Artikolu 39 (1) u (2) fil-fatt jghid hekk:

"Provision to secure protection of law.
39. (1) Whenever any person is charged with a criminal offence he shall, unless the charge is withdrawn, be afforded a fairhearing within a reasonable time by an independent and impartial court established by law.
(2) Any court or other adjudicating authority prescribed by law for the determination of the existence of the extent of civil rights or obligations shall be independent and impartial; and where proceedings for such a determination are instituted by any person before such a court or other adjudicating authority, the case shall be given a fair hearing within a reasonable time."

Similment is-subartikolu (3) tal-artikolu 39 jitkellem fuq "the existence or the extent of civil rights or obligations".

L-artikolu 39 (2) u (3) tal-Kostituzzjoni jirrigwarda "civil rights or obligations" mentri l-Att ta' l-2000 dwar ir-Refugjati (Att. Nru XX ta' l-2000) jitkellem biss u unikament dwar ***"applikazzjoni ghal status ta' refugjat":***

Artikolu 2 : *"applikazzjoni" tfisser applikazzjoni ghal status ta' refugjat maghmula taht l-artikolu 8;*

*"dikjarazzjoni" tfisser dikjarazzjoni li persuna tkun refugjata;*

Artikolu 4 (3): "Il-Kummissarju ghandu jwettaq … ghandu jezamina applikazzjonijiet li jsiru ghal status ta' refugjat …."

Artikolu 7 (1) u (2): "….. appelli kontra xi rakkomandazzjoni tal-Kummisarju."

u (10): "Meta l-Bord jiddeciedi favur l-applikant, il-Ministru ghandu johrog dikjarazzjoni skond hekk."

Artikolu 8 (1), (2), (5): “Persuna li tkun qeghda tfittex asil f’Malta …. Fuq il-formula preskritta ghal dikjarazzjoni …”;

u (6): “Jekk il-Kummissarju jirrikmanda li l-applikazzjoni ghandha tintlaqa’, il-Ministru jaghmel jaghmel dikjarazzjoni li tkun tghid li l-applikant ikun elegibbli ghal status ta’ rifjugajt, jew inkella jappella kontra rikmandazzjoni bhal dik skond ma hemm fl-artikolu 7.”

Inoltre, id-dikjarazzjoni ta’ status ta’ refugjat tant mhix xi dritt civili li sahansitra l-ligi dwar ir-refugjati tikkontempla l-kazijiet meta l-istatus ta’ refugjat jigi revokat unilateralment (l-Artikolu 15 et, u partikolarment l-Artikolu 16). Liema “civil right or obligation” protett mill-Kostituzzjoni jista’ jitnehha b’dan il-mod?!!! Dan juri li l-istatus ta’ refugjat mhux “civil right or obligation” li ssemmi l-Kostituzzjoni, u ghalhekk il-proceduri li ssemmi l-Kostituzzjoni ma jregux ghall-kazijiet fejn tkun qed tintalab dikjarazzjoni ghal status ta’ refugjat.

Il-fatt li applikant ikollu access ghal edukazzjoni u tahrig statali f’Malta u servizz u kura medika statli (artikolu 10 tal-ligi) qabel ma tigi deciza finalment l-applikazzjoni tieghu, ma jfissirx illi l-koncessjoni li jaghti l-Istat ghal status ta’ refugjat tekwivali ghal dritt civili. Dan l-access u servizz u kura huma facilitajiet temporanji a bazi umanitarja moghti qabel ma tigi deciza l-applikazzjoni ghal dikjarazzjoni ta’ status ta’ refugjat (Artikolu 11 tal-ligi), ir-refugjat ikollu jedd (“shall be entitled”), liema dicitura ma tekwivalix ghal “drittijiet” anke wara li l-applikant ikun dikjarat refugjat.

4. Illi t-talba tar-rikorrent hija wkoll infondata in kwantu hija bazata fuq l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja. F’dan ir-rigward it-talba tidher illi hija merament dilatorja peress illi lanqas ma hija spjegata.

Fuq dan l-aspett tar-rikors l-intimati jaghmlu referenza ghas-segwenti:

4.1 Application No. 27683/95 “M. H., M., M., S. and I. K. against Switzerland”, European Commission of Human Rights, 6 September 1995:

“According to the Convention organs` case-law, the right of an alien to reside in a particular country is not as such granteed by the Convention. Nevertheless, expulsion may in exceptional circumstances involve a violation of the Convention, for example where there is a serious and well-founded fear of treatment contrary to Article 2 or 3 (Art. 2, 3) of the Convention on the country to which the person is to be expelled (see No. 10564/83, Dec. 10.12.84, D.R. 40 p. 262, and mutatis mutandis Eur. Court H.R., Soering judgment of 7 July 1989, Series A no. 162, p. 32 et seq., paras. 81 et seq.).

However, the mere possibilty of ill-treatment on account of the unsettled general situation in a country is in itself insufficient to give rise to a breach of Article 3 (Art. 3) of the Convention (see Eur. Court H.R., Vilvarajah and other judgement of 30 October 1991, Series A no 215, p. 37, para. 111).” …

….. “the applicants have failed to show that upon their return to Iran they would face a risk of being subjected to treatment contrary to Article 2 para. 1 or Article 3 (Art. 2-1, 3) of the Convention.”

4.2 Application No. 27020/95 “N.A. against Switzerland”, European Commission of Human Rights 17 May 1995:

“According to the Convention organs` case-law, the right of an alien to reside in a particular country is not as such guaranteed by the Convention. Nevertheless, expulsion may in exceptional circumstances involve a violation of the Convention, for example where there is a serious and well-founded fear of treatment contrary to Article 2 or 3 (Art. 2, 3) of the Convention in the country to which the person is to be expelled (see No. 10564/83, Dec. 10.12.84, D.R 40p. 262, mutatis mutandis Eur. Court

H.R., Soering judgment of 7 July 1989, Series A no. 161, p.32 et seq., paras. 81 et seq.).

However, the mere possibilty of ill-treatment on account of the unsettled general situation in a country is in itself insufficient to give rise to a breach of Article 3 (Art. 3) of the Convention (see Eur. Court H.R., Vilvarajah and other judgment of 30 October 1991, Series A no 215, para 111).

Having examined the circumstances of the present case as they have been submitted by the applicant, the Commission notes that the applicant has not provided any documents or other evidence in support of his allegations, nor has he shown that upon his return to Turkey he will be prevented from taking up residence in parts of the country than those where he lived before. The Commission has therefore has regard to the decisions of the Federal Office for Refugees on 11 April 1994, and of the Swiss Appeals Commission in Matters of Adylum on 16 February 1995.

The Commission notes that the authorities carefully examined the applicant's allegations, though they concluded that he had not credibly established a danger of presecution upon his return to Turkey. Thus, the applicant has failed to show that upon his return to Turkey he would face a real risk of being subjected to treatment contrary to Article 3 (Art. 3) of the Convention. This part of the application is therefore manifestly ill-founded within the meaning of Article 27 para. 2 (Art. 27-2) of the Convention."

4.3 Application No. 27139/95 "Erdal SONGER againt Switzerland", European Commission of Human Rights, 24 May 1995:

"According to the Convention organs` case-law, the right of an alien to reside in a particular country is not as such guaranteed by the Convention. Neverthless, expulsion may exceptionally involve a violation of the Convention, for example where there is a serious and well-founded fear of treatment contrary to Articles 2 or 3 (Art. 2, 3) of the Convention in the country to which the person is to be

expelled (see Eur. Court H.R., Soering judgment of 7 July 1989, Series A no. 161 p.32 et seq., paras. 81 et seq.; p. 45, para. 112).

Nevertheless, the mere possibilty of ill-treatment on account of the unsettled general situation in a country is in itself insufficient to give rise to a breach of Article 3 (Art. 3) of the Convention (see Eur. Court H.R., Vilvarajah and others judgment of 30 October 1991, Series A no 215, p. 37, para. 111).

The Commission has had regard to the decision of the Federal Office for Refugees on 30 August 1994 and of the Swiss Asylum Appeals Commission in Matters of Asylum of 17 November 1994 and 10 March 1995. The Commission notes that the authorities carefully examined the applicant's allegations, though they concluded that in view of the applicant;s allegations as to the events in his home village in 1992 he had not credibly established a danger of presecution upon his return to Turkey. The Commission has further examined the applicant's complaints about military service awaiting him upon his return to Turkey. It recalls its case-law according to which prosecution to perform military service does not itself constitute treatment contrary to Article 3 (Art. 3) of the Convention (see No. 12364/84, Dec. 17.10.86, D.R. 50 p. 280). In the present case the applicant has not provided any documents or other evidence in support of his allegations. In particular, no indications have been given as to whether he would indeed be obliged to perform military service and during what period of time, in what area of Turkey and in which function in the army appeared likely that he would have to perform his service. As a result, the applicant has failed to show that upon his return to Turkey he would face a real risk of being subjected to treatment contrary to Article 3 (Art. 3) of the Convention. The applicant is therefore manifestly ill-founded within the meaning in Article 27 para. 2 (Art 27-2) of the Convention."

Salvi eccezzjonijiet u spjegazzjonijiet ohra.

Rat ir-risposta tal-kjamati fil-kawza Kummisarju dwar ir-Refugjati u s-Segretarju tal-Bord tal-Appelli dwar ir-Refugjati li biha eccepew:

1. Illi preliminarjament, il-Kummissarju dwar ir-Refugjati ma jwegibx ghal-lanjanzi tar-rikorrent fil-konfront tieghu stante li l-ligi relevanti taghtih il-poter jaghmel biss rakkomandazzjonijiet u ghalhekk it-talbiet ghandhom ikunu diretti lejn min jimplimenta dawn ir-rakkomandazzjonijiet tieghu.

2. Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suepost, is-Segretaju tal-Bord tal-Appelli dwar ir-Refugjati u l-Bord tal-Appellu dwar ir-Refugjati ma jwegbux ghal-lanjanzi tar-rikorrent stante li l-Bord huwa awtorita` gudikanti u ghalhekk dan ma jistax jitharrek fi proceduri gudizzjarji. Il-Bord jaghmel referenza ghas-sentenza li llum hija gudikat fl-ismijiet **Abera Woldu Hiwot et vs Prof Henry Frendo et** deciza mill-Prim'Awla f'sede Kostituzzjonali.

3. Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suepost, in kwantu din il-procedura hija intiza biex isservi ta' appell mid-decizjoni tal-Bord tal-Appelli dwar ir-Refugjati dwar il-kaz tar-rikorrent, u biex tiddeciedi jekk it-talba tar-rikorrent lill-Kummissarju u lill-Bord kenitx korretta jew le fil-mertu, din il-procedura hija karenti minn fondament guridiku.

4. Illi fil-mertu m'hemm l-ebda ksur tal-artiklu 6 tal-Konvenzjoni jew tal-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni fir-rigward tar-rikorrent, u dan ghar-ragunijiet segwenti:

a. in kwantu r-rikorrent jinvoka d-dritt tieghu ghal smigh xieraq fi proceduri quddiem il-Kummissarju u quddiem il-Bord tal-Appelli dwar ir-Refugjati, l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni u l-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni m'humiex applikabbli ghall-kaz stante li m'hemm l-ebda forma ta' **'kontestazzjoni'** f'dawn il-proceduri. Ir-rikorrent applika mal-awtorita` kompetenti f'Malta biex jakkwista l-istatus ta' refugjat, izda dan gie michud lilu. Imbaghad appella quddiem il-Bord tal-Appelli li huwa Bord indipendenti mill-

Kummissarju. F'dawn ic-cirkostanzi ma jissussistix ir-rekwiziti ta' 'kontestazzjoni' kif mitlub minn dawn iz-zewg artikli.

b. in kwantu r-rikorrent jinvoka d-dritt tieghu ghal smigh xieraq fi proceduri quddiem il-Kummissarju u quddiem il-Bord tal-Appelli dwar ir-Refugjati, dawn iz-zewg artikli m'humiex applikabbli ghall-kaz stante li dawn il-proceduri m'humiex **'determinattivi'** ta' xi dritt jew obbligu civili.

c. in kwantu r-rikorrent jinvoka d-dritt tieghu ghal smigh xieraq fi proceduri quddiem il-Kummissarju u quddiem il-Bord tal-Appelli dwar ir-Refugjati, dwan iz-zewg artikli m'humiex applikabbli ghall-kaz in kwistjoni stante li dawn il-proceduri ma jittrattawx dwar **drittijiet** jew obbligi ta' **natura civili**.

**5.** Illi minghajr pregudizzju ghas-suepost, in kwantu r-rikorrent jilmenta dwar nuqqas ta' smigh xieraq quddiem il-Kummissarju l-kjamati fil-kawza ssottomettew li l-artikolu 8 tal-Kap 420 jipprovdi dwar kif ghandha ssir il-procedura quddiem il-Kummissarju u ghalhekk il-kjamati in kawza ssottomettew li f'kull hin il-Kummissarju mexa **skond il-ligi.**

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suepost, in kwantu r-rikorrent jilmenta dwar nuqqas ta' smigh xieraq minhabba nuqqas ta' smigh orali fil-proceduri quddiem il-Bord, il-kjamati in kawza ssottomettew li l-Bord tal-Appelli mexa korrettement u **skond il-ligi** meta ghadda ghad-decizjoni tieghu minghajr ma ordna li jsir smigh orali. L-A.L. 252 tal-2001 jaghti l-fakulta` lill-Bord li jekk thoss li hu mehtieg, jordna smigh orali, pero` dan mhux mandatorju. Lanqas ma kien hemm xi htiega ta' provi godda f'dan il-kaz. Ir-rikorrent ma kienx qed jilmenta dwar ksir tad-drittijiet tal-bniedem fil-ligi nnifisha izda dwar il-kaz partikolari tieghu. L-inkartament kollu tal-kaz ghadda ghal quddiem il-Bord u hekk, il-Bord kellu quddiemu bizzejjed sottomissjonijiet biex jasal ghad-decizjoni tieghu.

7. Illi minghajr pregudizzju ghal dak li gja inghad, il-kjamati in kawza ssottomettew ukoll li fi

kwalunkwe kaz, il-fatt li r-rikorrent m'ghamilx sottomissjonijiet orali quddiem il-Bord ma jfissirx fih innifsu li r-rikorrent ma nghatax **smigh adegwat** u li jixraq lill-kaz tieghu. Dwar dan il-punt inghad:

a) Ir-rikorrent, akkumpanjat mill-konsulent legali tieghu, mela applikazzjoni bid-dettalji tieghu kollha mehtiega biex il-Kummissarju seta' jiddetermina r-rikorrent setax jaghmel aplikazzjoni ghal refugjat. Din l-applikazzjoni kienet ukoll akkumpanjata minn affidavit bl-Ingliz ipprezentat mill-istess rikorrent. L-ezitu ta' din il-parti tal-process kien negattiv ghar-rikorrent.

b) Ir-rikorrent kien mgharraf mill-ewwel u bil-miktub dwar id-decizjoni tal-Kummissarju u r-ragunijiet ghaliha, u nghata kopja taghha.

c) L-appell tar-rikorrent kien intavolat mill-avukat tar-rikorrent stess permezz ta' sottomissjonijiet bil-miktub. Ghalhekk ma kienx minnu dak li jinghad mir-rikorrent li ma thalliex ikollu assistenza legali xierqa.

d) Ir-rikorrent kien mgharraf ukoll u bil-miktub bid-decizjoni tal-Bord u r-ragunijiet ghaliha, u nghata kopja tal-istess decizjoni. Mid-dettalji li fiha din id-decizjoni, jidher car li kemm il-Kummissarju kif ukoll il-Bord kellhom quddiem il-fatti kollha necessarji biex jaslu ghal decizjoni skond il-ligi.

8. Illi rigward l-allegazzjoni ta' trattament inuman u degradanti, il-kjamati in kawza ssottomettew li l-mod kif ir-rikorrent qed jinterpreta dan id-dritt fundamentali huwa abbuziv u jirridikola dan id-dritt, peress li dan l-istess dritt jirreferi ghal cirkostanzi ferm iktar serji minn dawk imsemmija mir-rikorrent. Fi kwalunkwe kaz, il-kjamati in kawza ssottomettew li ma kien hemm l-ebda ksur ta' dan id-dritt fil-konfront tar-rikorrent.

9. Illi rigward il-fatt ta' dan il-kaz, inghad li:

a. Ir-rikorrent, anke ex admissis fir-rikors promotur, applika ghal status ta' refugjat f'Gunju 2005, meta huwa kien ilu Malta madwar hames snin. Minhabba dan il-fatt, u

a bazi tal-artiklu 8 (2A) tal-Kap 420, l-applikazzjoni tieghu ma kenitx valida. Kien ghalhekk li l-Kummissarju ma baghatx ghalih biex jisimghu.

b. Ir-rikorrent beda l-procedura biex japplika ghal status ta’ refugjat fl-20 ta’ Gunju 2005, kif ighid hu stess fir-rikors promotur. Fil-15 ta’ Gunju 2005, u cioe` hamest ijiem qabel, hu kien intercetat mill-Pulizija li gharrfuh li kien se jitkecca minn Malta.

Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.

Ghaldaqstant il-kjamati in kawza ssottomettew li f’kull hin il-Kummissarju u l-Bord imxew skond il-ligi. Issottomettew ukoll li ma jirrizulta li kien hemm ebda ksur tad-drittijiet tal-bniedem, fil-konfront tar-rikorrent, la taht il-Konvenzjoni u lanqas taht il-Kostituzzjoni, u ghalhekk ir-rikors kellu jigi michud bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

## C. PROVI:

Xehdet Jackie Marney Segretarja tal-Bord tal-Appelli Dwar ir-Refugjati u esebit kopja tal-***file*** dwar il-kaz in kwistjoni. Il-membri tal-bord kienu ta’ ***chamber*** 1 li kienu il-Prof. Henry Frendo bhala ***Chairman*** u membri tal-Bord kienu Dr. Mark Chetcuti u Dr. Neville Camilleri.

Rat l-affidavit ta’ Hani Ahmed Shhawi fejn qal li hu kien jismu Hani Shhawi u joqghod l-Imqabba. Gie mill-Libja u ilu joqghod hawn Malta ghal dawn l-ahhar hames snin u hames xhur. Proprjament diga’ kien gie Malta f’Mejju tas-sena 1997 fuq vaganza. Semma xi gralu fil-Libja meta gie segwit u attakkat minn pulizija u rgiel ohra u spicca go cella fejn spicca jaqla bil-ponn fuq wiccu u daqqiet ohra u

akkuzawh li biddel ir-religjon. Sostna li qalghulu difrejh u tawh daqqiet kbar u jidhku bih u jghajjruh. Semma li kienu dendluh fuq arblu u bilkemm seta' jorqod. Semma kif akkwista passaport u wasal Malta fis-6 ta' Marzu meta kellu fuqu aktar minn 2000 dollaru u sab post San Pawl il-Bahar u beda jahdem ma' kumpanija tal-bini. Semma li kull ma kien jaf fuq ***status*** ta' refugjat hu li din tigi moghtija minhabba ragunijiet politici jew gwerer civili u ma kienx jaf li kien eligibbli. Iltaqa' ma' mara hawn Malta u sostna li sab familja gdida. Gie arrestat fl-14 ta' Gunju 2005 meta l-pulizija staqsewh ghad-dokumenti u hu ma kellux. Haduh l-ghassa tan-Naxxar. Hu qalilhom ismu u l-pajjiz tieghu u wara haduh id-***depot***.

L-ispettur Edel May Camilleri qaltlu li kien se jkollha terga' tibghatu lura f'pajjizu. Hu ghalhekk infurmaha li ma setax imur lura pajjizu ghax dan kien ikun ta' periklu ghal hajtu Meta qalilha bil-kaz tieghu, hija qaltlu li hasset li kien fid-dmir taghha li ma tiddeportahx mill-ewwel minhabba n-natura tal-kaz tieghu. Hu mbaghad iffirma dokument biex jappella mid-***deportation order*** mahruga fil-konfront tieghu. Wara gie mehud fic-Centru ta' Kandja. Fit-23 ta' Gunju 2005 gie mressaq quddiem l-***Imigration Appeals Board*** fejn iltaqa' ghall-ewwel darba ma' l-avukat tieghu u kellu c-cans jitkellem fil-qosor mieghu. Kien f'dak l-istadju li hu sar jaf b'hafna mid-drittijiet li hu kellu b'rabta mal-kaz tieghu. Huwa talab ukoll li qabel ma jitkomplew il-proceduri quddiem il-Bord, kellhom l-ewwel jigi konkluzi l-proceduri fir-rigward tat-talba li hu kien ghamel lil-Kummissarju Dwar ir-Refugjati. Semma d-dettalji l-ohra dwar il-kaz. Zied li l-avukat tieghu kien pprezenta dan id-dokument lil Bord ta' l-Imigrazzjoni u fil-fatt hu gie mehlus mill-arrest fis-7 ta' Lulju 2005. Fost il-kundizzjonijiet li kienu gew imposti fuqu kien hemm li ma jahdimx jekk mhux bil-permess ta' l-Awtoritajiet Maltin u li jiffirma darbtejn fil-gimgha gewwa l-Ghassa taz-Zurrieq, kundizzjonijiet li ghadu josserva sal-gurnata tal-lum.

Xehed Jean Pierre Gauci li qal illi hu ghandu l-kariga ta' ***group co-ordinator*** ma' l-***Amnesty International Malta*** u xtaq jesebixxi r-rapport annwali ta' l-***Amnesty***

***International*** dwar il-Libja ta' l-ahhar erba' snin jigifieri mill-2003 sa l-2006.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Fl-14 ta' Marzu 2007 filwaqt li l-Qorti tat il-fakultajiet lill-partijiet jipprezentaw nota ta' osservazzjonijiet u dokumenti, iddifferit ir-rikors ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni dwar l-inapplikabilita` tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Infatti fin-nota ta' l-eccezzjonijiet taghhom l-intimati ssollevaw li ma hemm l-ebda ksur ta' l-aritkolu 6 tal-Konvenzjoni jew 39 tal-Kostituzzjoni fir-rigward tar-rikorrenti – li dawn l-artikoli mhux applikabbli stante li ma hemm ebda forma ta' **kontestazzjoni** f'dawn il-proceduri, li r-rikorrent jinvoka d-dritt tieghu ghal smiegh xieraq, liema artikoli ma humiex applikabbli ghall-kaz stante li dawn il-proceduri ma humiex **determinattivi**, kif ukoll finalment li l-proceduri ma jittrattawx dwar **drittijiet** jew obbligi ta' natura **civili**.

L-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni kif ukoll 6 tal-Konvenzjoni jiggarantixxu s-smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'ligi, u dan kemm fil-kaz ta' reati kriminali jew dwar l-ezistenza jew estensjoni ta' drittijiet jew obbligi civili. L-artikoli 39(1) u (2) tal-Kostituzzjoni u 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem huma sostanzjalment identici. Infatti fis-sentenza tat-22 ta' Ottubru 1984 fl-ismijiet **E.T. Reverendissimu Monsnjur Arcisqof Giuseppe Mercieca noe et vs Onor. Prim Ministru et**, il-Qorti Kostituzzjonali kienet irrimarkat li certi kliem f'dan l-artikolu kien mehud kelma b'kelma mill-ewwel inciz ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

Infatti fihom jinghad:

Kost - 39. (2) "Kull qorti jew awtorità ohra gudikanti mwaqqfa b'ligi ghad-decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi civili ghandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proceduri ghal decizjoni bhal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità ohra gudikanti bhal dik, il-kaz ghandu jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli."

Konv - Kap 319 - L-Ewwel Skeda Artikolu 6

"(1) Fid-decizzjoni tad-drittijiet Civili u ta' l-obbligi tieghu jew ta' xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi. Is-sentenza ghandha tinghata pubblikament izda l-istampa u l-pubbliku jista' jigi eskluz mill-proceduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, ta' l-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f'socjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-hajja privata tal-partijiet hekk tehtieg, jew safejn ikun rigorozament mehtieg fil-fehma tal-qorti f'cirkostanzi specjali meta l-pubblicità tista' tippregudika l-interessi tal-gustizzja."

Il-Qorti tirreferi wkoll ghas-sentenza taghha moghtija minn din il-Qorti kif presjeduta fl-14 ta' Gunju 2002 fl-ismijiet **Ernest Balzan vs Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku**, liema kaz kien jirrigwarda decizjoni mill-imsemmija Kummissjoni. Fiha l-Qorti kienet qalet:
"A. Li fil-Kostituzzjoni l-artikolu 39 (2) jitkellem dwar "Kull qorti jew awtorità ohra gudikanti mwaqqfa b'ligi ghad-decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi civili". Ta' min josserva li fl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni dwar it-Tifsir – ma hemmx definizzjoni la ta' qorti u lanqas ta' awtorità ohra gudikanti mwaqqfa b'ligi. L-istess kelma u frasi jistabu fis-sub-artikoli (3) u (4) tal-istess artikolu. Izda l-kliem uzat mill-Kostituzzjoni huwa tant car u ma jhalli ebda dubbju ghal xiex qieghed jirreferi – u cioe' Qorti u certament mhux qieghed jirreferi ghal Public Service Commission jew ghall-Prim Ministru fil-mansjonijiet tieghu ghall-hatriet fic-civil. Fil-Qorti hemm kontestazzjoni [li ser sir riferenza aktar ampja ghaliha] kemm fil-kamp Kriminali kif ukoll fil-kamp Civili – u cioe' jekk ghandux ragun il-prosekutur li jakkuza jew l-imputat li jsostni l-innocenza tieghu taht l-akkuza fil-kamp kriminali; u hemm kontestazzjoni fil-kamp civili jekk hux l-parti jew l-ohra li ghandha ragun taht il-ligijiet u ippruvatux skond il-ligijiet tal-pajjiz. Dan certament mhux dak li taghmel il-PSC specjalment fir-rakkomandazzjonijiet taghha ghal hatriet. Il-PSC tirrakkomanda u m'ghandhiex id-decizjoni finali. Id-decizjoni taghha mhux titolu ezekuttiv jew sentenza ta' kundanna izda rakkomandazzjoni. U hija

rakkomandazzjoni mhux biss ghax inzerta li kienet intuzat dik il-kelma u mhux ohra aktar deskrittiva u approprija, izda ghax verament dak hu li taghmel u dan kif definita fil-ligi. Il-PSC ma hijiex xi Tribunal.

B. Certament lanqas ghandu l-Prim Ministru [u certament anqas minnu xi Ministru] xi funzjoni vestita fil-Qrati jew Tribunal li jiddeciedi jew jinterpreta xi ligi. Il-funzjonijiet tieghu huma differenti u johorgu cari minn ligijiet izda huwa car li ma ghandux tali funzjoni. Kieku kellu l-funzjoni li mill-Kostituzzjoni hija vestita fil-Qrati kien ikun hemm ksur ta’ wiehed mill-aktar principji fundamentali li fuqu hi bbazata l-Kostituzzjoni u cioe’ dak tas-Seperation of Powers.

C. Mill-Kostituzzjoni stess tohrog car id-distinzjoni bejn qorti u awtorità ohra gudikanti mwaqqfa b’ligi u dan specjalment wara li wiehed jezamina l-artikoli 39 (1) u (2) fejn wajda tirreferi ghal akkuza kriminali waqt li l-ohra tirreferi ghal drittijiet civili u obbligi. Fil-kaz ta’ akkuza kriminali l-Kostituzzjoni tikkunsidra biss qorti, u meta titkellem fuq il-qrati ssemmi zewg tipi ta’ qrati – s-superjuri u l-inferjuri u ghalhekk ghandhom gurisdizzjoni kriminali biss l-Qorti tal-Magistrati [kemm bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali kemm ghall-iskop tal-Inkjesti] il-Qorti Kriminali u l-Qorti tal-Appell Kriminali. Kull awtorita’ ohra ma hijiex kompetenti ghal offizi kriminali. Meta nhatru l-Kummissarji tal-Gustizzja, l-akkuzi gew depenalizzati, u dak li jigi ezaminat mill-Kummissarji mhumiex offizi kriminali izda infrazzjonijiet amministrattivi.

D. Interessanti kien ukoll dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza “Il-Pulizija vs Emmanuel Vella” [28/6/1983] fejn ma qablitx ma’ dak li kienet qalet il-Prim’Awla tal-Qorti Civili fl-interpretazzjoni taghha tal-kelma qorti minhabba li kienet wisq wiesgha u inkludiet kull forma ta’ Tribunal u awtorita’ fejn hemm decizzjonijiet. Dak il-kaz kien jikkoncerna l-Price Control Board u kien hemm decizjoni li l-Bord ma kienx indipendenti u ghalhekk kontra l-Kostituzzjoni. Izda l-Qorti Kostituzzjonali hasset li billi l-Bord kien riferut bhala Qorti fl-Avviz Legali 8 tal-1982 wiehed dejjem ried ihares lejn l-artikolu 39 (1) tal-

Kostituzzjoni. Ghalhekk tribunal "de quo" mhux Qorti ghall-iskop tal-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni. Ghalhekk mhux kompetenti biex u ma ghandux gurisdizzjoni jiddeciedi offizi kriminali li kien akkuzat bihom Vella. Ara wkoll kaz simili ta' Coreschi vs Kummissarju tal-Pulizija et [21/7/1989] fejn il-Qorti qiset li l-Kummissarju tal-Pulizija ma setax jigi kkunsidrat qorti u ghalhekk ir-Reolament 23 tal-Motor Vehicles Act 1948 kien jikser il-Kostituzzjoni. Ebda persuna ma tista' tigi kkundannata b'penali kriminali sakemm mhux f'qorti ta' natura kriminali li jkun presedut minn Magistrat jew Imhallef.

E. Dan l-artikolu japplika biss fejn hemm funzjoni gudizzjarja u la l-PSC u lanqas il-Prim Ministru ma ghandhom jew jista' jkollhom tali funzjoni.

F. Fil-kawza deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Gunju, 1988 fl-ismijiet Rose Anne Galea vs Onor Prim Ministru et [Vol LXXII-I-26] il-Qorti Kostituzzjonali qalet:
"Il-Bord ta' dixxiplina m'ghandu f'dan l-istadju ebda funzjoni li jinvestiga l-allegazzjoni li kien hemm vjolazzjonijiet tal-Kostituzzjoni jew tal-Ewwel Skeda tal-Att XIV tal-1987 da parti tal-Bord tal-Inkjesta, liema allegazzjoni tifforma l-meritu tal-kawza izda l-funzjoni tieghu hija li jezamina l-fatti tal-kaz u li a bazi ta''dawn il-fatti jasal ghall-konkluzzjonijiet tieghu dwar dak li qed jigi migjub kontra r-rikorrenti".

G. Fil-kawza deciza mill-Qorti Kostituzzjonali Antonia Bartolo et nomine vs Onor Prim Ministru et deciza fid-29 ta' April, 1996 [spiss riferuta bhala l-kaz tal-Piper Lance li telaq mit-Tunezija ghal Malta] gie ritenut li dak il-Bord la kien qorti u lanqas ta' awtorità ohra gudikanti mwaqqfa b'ligi. Din kienet inkjesta amministrattiva.

H. Fil-kawza fl-ismijiet Eddie Cachia vs Dr Joe Galea Debono et [deciza fil-21 ta' Mejju, 1993] il-Qorti Kostituzzjonali waslet ghall-konkluzjoni li l-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji ma setghetx titqies bhala qorti ghall-iskop tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u dan wara li qalet li qorti trid tkun indipendenti u imparzjali u s-smiegh isir fil-pubbliku; u

li l-persuna koncernata jrid ikollha l-opportunita’ li ggib l-provi kollha; irid ikollha l-poter li tiddetermina l-ezistenza u l-kobor ta’ dritt civili jew obbligu jew l-ezistenza ta’ reat. Il-Qorti Kostituzzjonali kienet waslet ghall-konkluzjoni li l-Kummissjoni ma kinitx stabbilita biex tiddecidi dwar drittijiet civili u obbligi izda li tinvestiga ilmenti maghmulin minn rikorrent li jhoss li jkun baghta ingustizzja maghmula mill-Gvern. Ara wkoll fuq il-Kummissjoni Antoine Tagliaferro et vs l-Onor Prim Ministru [5/10/95 mill-PA] fejn gie ribadit l-istess principju li l-Kummissjoni ma kellix poter li taghti decizjoni finali vinkolanti u li kull ma kienet taghmel taghti parir. Fil-kummissjoni l-proceduri ma kinux isiru fil-pubbliku; m’hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet u l-partijiet ma jidhrux f’sistema avversarja.

I. Fil-kaz in ezami l-funzjoni tal-PSC kien li tohrog l-applikazzjonijiet, tappunta Bord ta’ Ghazla, tigi maghzula l-persuna, u ssir ir-rakkomandazzjoni. Il-Prim Ministru jekk jaqbel kellu jiehu hsieb li tohrog il-hatra. Il-funzjoni ta’ Qorti jew awtorita’ ohra gudikanti ghandha rwol ferm differenti b’mod li tapplika l-ligi tal-pajjiz wara li tezamina l-kontestazzjoni ta’ bejn il-partijiet u taghti d-decizzjoni taghha [u mhux rakkomandazzjoni] finali [l-appell u konferma jew revoka ma ghandhomx jaffetwa s-sinifikat ta’ dak li qieghed jinghad].

J. Naturalment irid ikun hemm kontestazzjoni li trid tigi ezaminata fid-dawl tal-ligi tal-pajjiz u l-Qorti jew awtorita ohra gudikanti trid taghti d-decizjoni taghha. Fil-kaz in ezami ma kienx hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet izda se mai konkors.”

Ukoll fil-kawza fl-ismijiet **Marthese Azzopardi vs Maltacom p.l.c.** deciza fil-11 ta’ Awissu 2000, il-Qorti Kostituzzjonali kkunsidrat li:
Ir-rikorrenti kienet giet mixlija quddiem il-Bord tad-Dixxiplina tal-Maltacom, socjeta` pubblika ma liema hija kienet impjegata, bi ksur ta' l-obbligu ta' konfidenzjalita`. Il-Bord ta' Appell (Dixxiplina) tas-socjeta` intimata kien sab lir-rikorrenti hatja li zvelat informazzjoni kunfidenzjali meta ma kienx suppost. Ir-rikorrenti issa ppretendiet li gew miksura fil-konfront taghha d-dritt li hija tinghata smiegh

xieraq quddiem tribunal imparzjali u indipendenti u dan billi l-membri tal-Bord ma kinux imparzjali u indipendenti u l-proceduri tmexxew bil-maghluq. Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili laqghet it-talbiet tar-rikorrenti u annullat id-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell (Dixxiplina) u dan billi t-tribunal ma kienx wiehed imparzjali u indipendenti. Il-Qorti Kostituzzjonali rrevokat uu cahdet it-talbiet tar-rikorrenti.

Il-Qorti osservat li d-dritt ghal smiegh xieraq jinghata fejn id-decizjoni ta' Bord jew Tribunal seta' jkollu effett fuq id-drittijiet u obbligi civili tal-persuna koncernata. Fil-kaz prezenti l-funzjoni tal-Bord kienet limitata ghad-dixxiplina ta' l-impjegati tas-socjeta`. Ghalhekk din id-decizjoni ma kinitx timporta bdil fid-drittijiet u obbligi civili tar-rikorrenti. Kien ikun xort'ohra il-kaz kieku l-proceduri quddiem il-Bord wasslu ghat-tkeccija taghha, f'liema kaz dik id-decizjoni kienet tkun tinvolvi l-obbligi u d-drittijiet civili taghha. Fil-kaz prezenti l-portata tad-decizjoni kienet wahda limitata ghad-dixxiplina u kull effett li tali decizjoni seta' kellha fuq il-promozzjoni taghha kien wiehed indirett u kazwali. Ghalhekk il-protezzjoni akkordata mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ma kinitx applikabbli ghall-kaz.

Fil-kaz in ezami r-rikorrent applika ma' l-awtorita` kompetenti f'Malta biex jakkwista l-i***status*** ta' refugjat izda dan gie michud u wara din ic-cahda r-rikorrent appella quddiem il-Bord ta' l-Appelli, liema bord huwa indipendenti mill-Kummissarju. Skond l-insenjament tas-sentenzi tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem **H vs Belgium** tal-1997, **Hamer vs France** tal-1996 u **Giorgiadis vs Greece** tal-1997 ma jissussistix ir-rekwizit ta' kontestazzjoni kif imsemmi fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u 6 tal-Konvenzjoni. It-talba ghal ***status*** ta' refugjat mhix procedura fejn hemm forma ta' kontestazzjoni. Din issir wara applikazzjoni fejn tittiehed id-decizjoni in segwitu ta' talba fejn wiehed jadixxi l-awtorita` ghal talba ta' i***status*** ta' refugjat. Il-ligi tghid li dwar id-decizjoni ma hemmx appell. Ghalhekk ma jidhirx li hemm decizzjonijiet la tal-Qrati Maltin u anqas ta' Strasbourg li jghidu li l-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u 6 tal-Konvenzjoni huma applikabbli f'kaz ta' applikazzjoni ghal ***status*** ta' refugjat.

Inoltre l-Qorti taghmel referenza ghal diversi kazijiet tal-***European Commission of Human Rights*** u specifikament ghal applikazzjoni numru 16217/90 **CT. against Switzerland** tas-16 ta' Marzu 1990:
"However, the Commission recalls its case-law according to which a decision as to wether an alien should be allowed to stay in a country or be expelled does not involve either the determination of the alien's rights or obligations or of a criminal charge within the meeting of Article 6. para (Art 6-1) 1 of the Convention (see No. 8118/77, Dec. 19.3.81, D.R. 25p. 105). It follows that this part of the application is incompatible ratione materiae with the provision of the Convention within the meaning of Article 27 para. 2 (Art. 27-2) of the Convention."
Ara wkoll applikazjoni 19088/91 ***B.S. against Switzerland*** tat-13 ta' Dicembru 1991.

Ukoll issir referenza ghall-applikazzjoni 18275/91 **F.B.M. against Sweden** tas-7 ta' Dicembru 1992 fejn intqal:
"The applicant also complains about the absence of any court review of the expulsion decision and alleges a violation of Article 6 (Art. 6) of the Convention. The Commission recalls, however, that according to established case-law, Article 6 (Art. 6) does not apply to the procedure for expulsion of an alien (see, inter alia, No. 8118/77, Dec. 19.3.81, D.R. 25 p. 105). This complaint is therefore incompatible, ratione materiae, with the provisions of the Convention and must be rejected according to Article 27 para. 2 (Art. 27-2) of the Convention."

Jinghad ukoll li fis-sentenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1971 fl-ismijiet **Rengeisen vs Austria** gie ritenut li l-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u 6 tal-Konvenzjoni mhux applikabbli ghall-kaz stante li dawn il-proceduri mhux determinattivi.

Ir-rikorrent ukoll invoka n-nuqqas ta' smiegh xieraq fil-proceduri quddiem il-Kummissarju kif ukoll quddiem il-Bord ta' l-Appelli Dwar ir-Refugjati. Gie eccepit li dawn l-artikoli mhux applikabbli minhabba li l-proceduri ma

jittrattawx dwar drittijiet jew obbligi ta' natura civili. Fl-applikazzjonijiet 23895/94, 23987/94 u 23988/94 fl-ismijiet **M.F.K., S. EL ZEINA and A. SALEH against the Netherlands** tal-Kummissjoni Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tat-28 ta' Novembru 1994 intqal:
"As regards Article 6 (Art. 6) of the Convention the Commission recalls that, according to its constant case-law, proceedings concerning political asylum, a request for a residence permit or expulsion of an alien do not involve a determination of civil rights and obilgations or of a criminal charge (cf. No. 13162/87, Dec. 9.11.87, D.R. 54 p. 211; No. 9285/81, Dec. 6.7.82, D.R. 29 p.205; No 9990/82, Dec. 15.5.84, D.R. 39 p. 119). The Commission finds, therefore, that this complaint must be rejected as being incompatible ratione materiae with the Convention within the meaning of Article 27 para. 2 (Art. 27-2) of the Convention."

Il-Qorti tirreferi wkoll f'dan ir-rigward ghall-applikazzjoni numru 27683/95 **M.H., M., M., S. and I. K. against Switzerland** tas-6 ta' Settembru 1995 li fiha ssemma:
"Insofar as the applicants complain under Article 6 (Art. 6) of the Convention about the asylum proceedings, in particular of their duration and that they were not granted legal aid, the Commission recalls that the decision wether an alien should be allowed to stay in a country or be expelled does not involve the determination either of the alien's civil rights or obligations, or of a criminal charge, within the meaning of Article 6 para. 1 (Art. 6-1) of the Convention ( see No. 8118/77, Dec. 19.3.81, D.R. 25 p. 105). The remainder of the application is therefore incompatible ratione materiae with the provision of the Convention, pursuant of Article 27 para. 2 (Art. 27-2) of the Convention."

Filwaqt li l-artikoli li ghalihom ghamel referenza r-rikorrent jitkellmu fuq drittijiet jew obbligi civili l-Att XX tal-2000 jitkellem biss dwar applikazzjoni ghal ***status*** ta' refugjat. Ara f'dan is-sens l-artikoli 2, 4(3), 7(1)(2)(10), 8 (1)(2)(5)(6). Jinghad li l-artikoli 15 u 16 jipprovdu li l-i***status*** ta' refugjat jista' jigi revokat unilateralment u ghalhekk certament ma jistax jinkwadra bhala xi dritt civili.

Dan iwassal li l-artikolu msemmi tal-kostituzzjoni ma jreggix ghal kazijiet fejn jintalab ***status*** ta' refugjat. Infatti l-facilitajiet temporanji fuq bazi umanitarja ma jwasslux ghal dritt civili u applikant li lilu gie michud l-i***status*** ta' refugjat xorta wahda jkollu dritt ghal koncessjonijiet ta' kura medika.

Il-Qorti ma tistax ma tosservax ukoll li r-rikorrent applika ghall-i***status*** ta' refugjat biss f'Gunju 2005 u cioe` wara li kien ilu Malta ghal hames (5) snin u dan iwassal li a bazi ta' l-artikolu 8(2A) tal-Kap 420 tali applikazzjoni ma tkunx wahda valida. L-applikazzjoni ghall-i***status*** ta' refugjat saret mir-rikorrent fl-20 ta' Gunju 2005 u cioe` hamest (5) ijiem wara li hu kien gie intercettat mill-Pulizija li gharfuh u bdew il-proceduri halli hu jitkecca minn Malta.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' l-eccezzjoni tal-intimati u kjamati in kawza fuq il-bazi li ma hemm ebda ksur ta' l-artikoli 6 tal-Konvenzjoni u 39 tal-Kostituzzjoni.

Ghalhekk jinkombi issa lill-Qorti li taghti l-fakulta` lill-partijiet iressqu l-provi u jaghmlu s-sottomissjonijiet dwar it-tieni talba tar-rikors, u ghal dan il-ghan tiddifferixxi r-rikors ghas-17 ta' Ottubru, 2007 fil-10.45 a.m.

Spejjez ta' din l-eccezzjoni kontra r-rikorrent.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------